# 28. L-Eħieres tal-Bir

Kull meta Karmena,
biex tisqi l-barrin,
tmur timla' l-mastella
sa fuq bl-ilma bnin,

Erħilha mill-ħerża
titperreċ u tfiġġ,
u l-qamar mill-għuma
dlonk jerfa' u jżiġġ,

U jitla' fil-għoli
idawwal l-ixfar
ta' xuxtha li taqbad
tal-fidda bin-nar;

Tiftakar f'Toninu,
ħaninha fil-bogħod,
u tqassad ta' mħabba
il-għanja bil-mod.

L-eħieres li jgħixu
waħdiena, sektin,
fl-għeruq u fil-vini
tal-bir moħbijin,

Joħorġu mill-moħba,
jittajru mal-bir,
għalkemm xejn jinstema'
ma jidher titjir,

Jitgħaxxqu b'ħaddejha,
b'għajnejha tutin
ileqqu bħall-kwiekeb
minn qalb it-tursin;

U lkoll għalanija
itennu bil-mod
il-għanja ta' mħabba
ta' Toni fil-bogħod.

"Toninu," Karmena
issejjaħ minn fuq,
"Toninu," l-eħieres
iwieġbu fl-għeruq,

“Fejn inti” – “Fejn inti” –
– “ta’ qalbi maħbub” –
– “ta’ qalbi maħbub” –
– “ġo art il-barrani” –
– “ġo art il-barrani” –
– “ imtarraf, maħrub” –
– “imtarraf, maħrub” –

Kull kelma li tinżel
mill-ħerża, minn fuq,
jidwuha l-eħieres
tal-art fil-għeruq;

Jidwuha, jidwuha
mill-bidu sat-tmiem,
fil-bogħod imewġuha,
jeħduha bis-sliem...

* * *

Ġo art il-barrani,
fuq ħerża ta’ bir,
Toninu f’widintu
iħoss bħal żarżir,

Jiftakar f’Karmena
b’għajnejha tutin
qed timla l-mastella
sa fuq bl-ilma bnin.